MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 1148/2002

**Louis Mifsud bhala prokuratur ta' Salvatore Falzon assenti minn Malta**

**vs**

**Raymond Bonnici**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur, wara li qal:

Illi l-konvenut kera l-fond, dar, bla numru izda fl-isem "Salrit", Triq l-Iklin (Iklin) minghand Salvatore Falzon, u dan skond kif jirrizulta minn skrittura privata datata 10 ta' Ottubru 2001 maghmula quddiem in-Nutar Marthese Felice;

Illi a tenur tas-seba' kundizzjoni ta' l-istess ftehim lokatizzju hawn fuq imsemmi, "f'kaz illi l-inkwilin jonqos milli jhallas zewg skadenzi tal-kera, jew fi kwalunkwe zmien ikun dovut minghandu ammont ekwivalenti ghal

zewg skadenzi ta' kera, is-sid ikollu dritt illi jxolji dan il-ftehim, minghajr pregudizzju ghall-hlas ta' l-arretrati ta' kera";

Illi l-konvenut baqa' moruz fil-hlas ta' zewg skadenzi ta' kera jew ammont ekwivalenti, u minkejja illi kien interpellat sabiex ihallas ghaz-zewg skadenzi, dik ta' l-10 ta' Gunju 2002 u dik ta' l-10 ta' Lulju 2002, u dan permezz ta' ittra ufficjali ta' l-14 ta' Awissu 2002, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk tezisti s-sitwazzjoni prevista mill-klawsola fl-iskrittura tal-10 ta' Ottubru 2001;

U illi huwa applikabbli l-Artikolu 167(1)(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, kif jidher anke mill-Affidavit ta' Louis Mifsud nomine;

Talab illi din il-Qorti:

1. tghaddi biex tiddeciedi bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167(1)(b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili; u

2. tordna, salv id-dikjarazzjoni illi l-attur ghandu dritt illi jxolji l-ftehim ta' lokazzjoni bejn il-kontendenti ta' l-10 ta' Ottubru 2001, illi l-konvenut jizgombra mill-fond "Salrit", Triq l-Iklin, Iklin fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-4 ta' Awissu, 2002.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Louis Mifsud u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, ghalkemm il-kawza ssejhet tliet darbiet, il-konvenut baqa' ma deherx.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq*. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut tilqa' t-talbiet

maghmula fic-citazzjoni u tordna l-izgumbrament tal-konvenut fi zmien xahrejn millum, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.
cm